# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf




Numru 49

Marzu - April 2002

# EDITORJAL





## Ħbieb Ħuttaf

**L-aħħar darba għedna Happy Birthday lill-BirdLife. Did-darba ngħidu Happy Birthday lill-magażin tagħna, għax għalaq 8 snin!**

Kull ħarġa tal-Huttafa tieħu ħafna xogħol, tafux! U mhux imbilli taraw lili nippoża fir-ritratt, hemm skoss nies oħrajn li jagħtu daqqa t'id biex dal-magażin jaslilkom kull xaharejn. U dawn kollha nixtieq irringrazzjahom minn qalbi.

**Grazzi** l-ewwelnett lill-membri tal-Kumitat tal-Klabb, li jagħtuni ħafna ideat biex nagħmlu *Il-Huttafa* iktar interessanti.

**Grazzi** lil dawk li jiktbu l-artikli, l-aħbarijiet ecc għall-magażin. Meta jiktbu nies differenti, il-magażin ikun iktar varjat.

**Grazzi** wkoll lill-fotografi tal-BirdLife li jħalluni nuża r-ritratti tagħhom biex inżewwaq u nsebbaħ il-paġni tal-magażin.

**Grazzi** lin-nies li jaħdmu għand Poulton's Print Shop fejn jistampawlna l-magażin. Nirringrazzjahom tal-paċenzja u l-kapaċità li dejjem ilestulna *Il-Huttafa* fil-ħin, anke meta kultant noħdilhom id-disinn ftit tard!

**Grazzi** wkoll lin-nies ta' l-uffiċċju tal-BirdLife, li joħorġulna l-lejbils bl-indirizzi u jieħdu ħsieb il-bukings.

**Grazzi** wkoll lil grupp voluntiera tal-BirdLife li kull xaharejn jgħinuna nippakkjaw il-magażin bil-lest għall-posta.

**Grazzi** lin-nies tal-posta li ara x'qatgħa jieħdu kull meta jarawna deħlin b'dawk il-kaxxi kollha għat-timbru u għat-tqassim.

U **grazzi** lilkom li bl-ittri, bit-tpinġija, bil-kummenti sbieħ, bl-attendenza u bil-fatt li intom membri. Għax bis-saħħa tagħkom li l-magażin u l-Klabb jibqgħu ħajjin u b'saħħithom.




**Victor Falzon**
Editur

Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Victor Falzon, Chris Schembri, Mariangela Schembri Meli, Justin Vassallo

Indirizz: **BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12**
Tel: **21347646** Fax: **21343239** email: **info@birdlifemalta.org**
website: **www.birdlifemalta.org**
email tal-magażin: **ilhuttafa@birdlifemalta.org**

Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-isem BirdLife f'din il-publikazzjoni jirreferi għal BirdLife Malta. Materjal mill-magażin jista' jiġi kkupjat dment li mhux għal skopijiet kummeċjali, dment li jissemma' l-isem Il-Huttafa u dment li tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.

Publikazzjoni: BirdLife Malta
Disinn u produzzjoni: Victor Falzon
Faċċata ta' quddiem: **Kappun** (ritratt ta' Raymond Galea)
Faċċata ta' wara: **Is-Salina** (ritratt ta' Joe Sultana)
Stampat: Poulton's Print Shop, April 2002

Ħajr lil EURONATUR

## X'għandna?!

Editorjal 2
Aħbarijiet 3
X'għandna mid-dinja? 4
Kien fidil! 5
Kun berdwocer 6
Gallerija 6
Spot natura 7
Kompetizzjoni 7
sittsaqajn 8
Huttafa tas-Sena 8
Attività 9
Falko 9
Biodiversità 10
Lm247 11
Biex niċċajta 11
Daħħal membru 11
Is-Salina 12

Klabb Huttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, serati kraft u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin ***Il-Huttafa*** kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Sħubija fi Klabb Huttaf hija Lm2 fis-sena.

# Sħab ta' Sarsell !



sarsella ħamra

**Skond l-aktar berdwoċers akkaniti li għandha l-BirdLife, is-Sibt 23 Marzu 2002 kienet l-aqwa ġurnata seawatching fis-snin kollha li ilhom jagħmlu berdwoċing fuq il-baħar. Din hija parti mil-lista ta' x'raw dakinhar sħabna Michael Sammut u Charles Coleiro, wara ġurnata riħ u raxx tal-baħar, bilqiegħda fil-ponta tal-Qammieħ...**

23.03.2002 - QAMMIEĦ

**c10 garnija** (levantine shearwater)
**15+ ċiefa** (Cory's shearwater)
**35 velleran** (glossy ibis)
**8 russett griż** (grey heron) - rajniehom viċin immens
**38 kuluvert tas-salib** (common shelduck)
**105+ silfjun** (pintail)
**14 silfjun Ewropew** (Eurasian wigeon)
**56+ palettuna** (northern shoveler)
**3200 - 3700 sarsella ħamra** (garganey)!!!!!!!!!!
**63+ brajmla t'għajnha bajda** (ferruginous duck)
**1 sarsella** - raġel (common teal)
**1 borka** oħra - m'għarafnihiex
**5 bagħdan aħmar** (marsh harrier)
**1 seqer tal-ħannieqa** (hobby)
**1 spanjulett** (common kestrel)
**107+ girwiel prim** (black-tailed godwit) - probabbli numru rekord għal Malta
**10 girwiel prim** jew **girwiel denbu bl-istrixxi** (bar-tailed godwit)
**30+ gawwija prima** (yellow-legged gull)
**1 gawwija rasha sewda** (Mediterr
**5 ċirlewwa tax-xitwa** (sandw
**1 summiena** (quail)
**18 rundun** (co




Qalulna wkoll li wara nofsinhar **xi 2000 sarsella ħamra** nġabru fil-fliegu u taw spettaklu, għax kull darba li għadda l-vapur t'Għawdex il-borok bdew itiru minn wiċċ il-baħar. Qalulna wkoll li aktar tard ħarġu xi kaċċaturi fuq dingis u qatlu mijiet ta' borok! Il-pulizija ma leħqux ħarġu għalihom fil-ħin, u l-kawbojs skappaw! Dawn kienu qed jiksru l-liġi, għax f'Marzu mhux permess kaċċa fuq il-baħar, u wisq inqas fil-fliegu!

**Listi bħal dawn juruna kemm huwa żbaljat min jgħid li Malta m'għandniex għasafar! Min jgħid hekk jew ma jafx x'qed jgħid, jew ikun qed jipprova jbellagħhielna, ħalli mbagħad imur hu stess u joqgħod joqtol bla ħadd ma jtellfu. Imma l-BirdLife għandha l-għajnejn u l-widnejn!**

# Air Raid!

**Nhar it-Tnejn 18 Marzu 2002, il-gwardjan tar-riserva ta' l-Għadira Charles Gauci ra xena li s-soltu tara bħalha fid-dokumentarji...**

Fis-6am kien miexi mal-mogħdija fir-riserva, x'ħin sema' storbju sħiħ mill-għasafar. Induna li dawn kienu ħsejjes li l-għasafar jagħmlu biex iwissu lil xulxin li hemm xi periklu fil-qrib. Ma damx ma nduna x'kien il-kaġun...

Fuq l-ilma ra **bagħdan aħmar** (marsh harrier) mara tissaqqar wieqfa ftit 'il fuq mill-ilma, tħares fiss 'l isfel.

F'daqqa waħda f'wiċċ l-ilma jfiġġ **gallozz iswed** (moorhen), u fil-pront il-bagħdan niżlet fuqu, ħatfitu minn dahru u reġgħet għaddsitu taħt wiċċ l-ilma. Il-bagħdan niżlet hi wkoll sa żaqqha fl-ilma, u baqgħet iżżomm f'difrejha l-povru gallozz taħt l-ilma sa ma dan għereq! Imbagħad it-tajra tal-priża tellgħet il-gallozz mejjet mill-ilma, kaxkritu bi sforz għal fuq ir-ramel u qagħdet tieklu bil-kwiet!

Xi ġimgħa wara, fir-riserva tas-Simar, berdwoċers raw bagħdan aħmar ieħor jiekol fdalijiet ta' **tiġieġa tal-baħar** (coot), bla dubju vittma oħra ta' dawk id-difrejn qishom snanar!

Iva, f'Malta dawn l-affarijiet jiġru wkoll!





# X'għandna mid-dinja?

tirrapporta **Elisabeth Conrad**



## Is-sirena fl-inkwiet!

Id-**dugong** (dugong *Dugong dugon*) huwa annimal tal-baħar. Studju li sar dan l-aħħar fl-Awstralja wera li din l-ispeċi qed tisparixxi mill-ibħra ftit ftit. Hemm diversi theddid għall-dan l-annimal: it-tniġġis tal-baħar, żvilupp max-xtut, traffiku tad-dgħajjes u vapuri, xbiek tas-sajd eċċ. Żviluppi ta' portijiet u proġetti ta' tħammil tal-qiegħ qed jeqirdu l-ħabitati ta' dan l-annimal, għax proġetti bħal dawn idardru l-ilma u joqtlu firxiet sħaħ ta' posidonja (alka), li hija l-ikel tad-dugong. Bdil fil-klima ukoll jaffettwa s-saħħa tal-posidonja.

Helene Marsh, ix-xjenzat li għamlet dan l-istudju qalet li d-dugong diġà sparixxa jew sar rari f'postijiet bħall-gżira Mauritius, Sri Lanka, partijiet tal-Filippini u partijiet tal-Vietnam u Cambodia. F'inħawi oħrajn, il-popolazzjonijiet ta' dan l-annimal naqsu ħafna, partikolarment fl-Afrika tal-Lvant.

Il-preżenza tad-dugong huwa sinjal li l-baħar ikun b'saħħtu. Dan ifisser li meta jonqos dan l-annimal, huwa sinjal li l-baħar qiegħed fl-inkwiet.

### Mela isimgħu din...

Kontu tobsru li d-dugong kien il-kaġun tal-ħafna ħrejjef u leġġendi dwar is-sireni, dawk il-ħlejjaq fantastiċi nofshom bniedem u nofshom ħuta li l-baħħara ta' dari kienu jgħidu li jaraw? Mela xhiex!

Tgħiduli d-dugong ma tantx għandu l-forma tal-Little Mermaid ta' Walt Disney, daqs kemm hu smin! Veru. Naħseb li kien jiġri hu li l-baħħara kienu jaraw xi dugong jgħum b'rasu barra mill-ilma u mill-bogħod kienu jaħsbuh bniedem, imbagħad jogħdos u kienu jarawlu dak id-denb sabiħ. Ħeqq, tinsewx li qed insemmu żmien meta ma kinux jeżistu trombi u teleskopji. U bejn hekk, u bejn għax ix-xemx u l-għeja kienet tħeddel l-imħuħ ta' l-imsejknin baħħara, l-immaġinazzjoni kienet tiġri bihom. U erħilhom joħolmu!

Madankollu, ix-xjenzati xorta waħda jikklassifikaw id-dugong u l-kuġini tagħhom il-**manati** (manatee *Trichechus sp.*) fi grupp jismu *Sirenia!*



## Bil-qrun... u bil-ġuħ!

**Nemlu li ġie mill-Arġentina qed joħloq problemi lill-gremxul tal-qrun (horned lizard *Phrynosoma cornutum*) li jgħix fil-punent ta' l-iStati Uniti, speċjalment max-xatt tal-California. Dan-nemel daħal l-Amerka fuq xi vapuri fis-Seklu 19 u nfirex sew. Il-problema hija li n-nemlu Arġentin qed jieħu post in-nemel indiġeni ta' l-iStati Uniti, li huma l-ikel tal-gremxul tal-qrun. Minħabba li n-nemel il-ġdid huwa ħafna iżgħar min-nemel Amerikan, il-gremxul jidher li mhux qed jiekol biżżejjed u qed jisparixxi minn diversi nħawi fejn qabel kien komuni. Anke nemla toħloq il-problemi!**



# Kien fidil!

Kemm ilna nisimgħu u naraw films dwar it-Tyrannosaurus Rex. Dejjem tgħallimna li dan kien l-iktar mostru tal-waħx li qatt mexa fuq l-art! Issa hemm idea ġdida!

Studji riċenti qed juru li dan id-dinożawru ma kien predatur xejn! Mid-dehra mhux veru kien jikkaċċja u jaqbad l-annimali biex jikolhom, imma kien jiekol annimali li jsib diġà mejtin. Bħalma jagħmlu l-avultuni per eżempju. Għaliex qed jaħsbu hekk?

L-ewwelnett saqajh iktar kienu tajbin għall-mixi fit-tul milli għall-ġiri, għax l-għadma tal-koxxa itwal sew minn tal-qasba. Predaturi s-soltu jkollhom vista eċċellenti, imma TRex ma tantx kien jara tajjeb. Mill-banda l-oħra kellu sens tax-xamm tremend, ideali biex ixomm ġisem mejjet mill-bogħod! Veru li kellu batterija snien ikexkxuk, imma l-esperti qed jgħidu li dawn iktar kienu tajbin biex ikissru l-għadam milli biex iqattgħu fil-laħam il-ħaj!

U b'dawk id-dirgħajn daqs tikka la seta' jiġġieled u lanqas jaħtaf jew iżomm il-priża - differenti ħafna minn xi predatur prim bħal Velociraptor (dawk li f'*Jurassic Park* jidħlu fil-kċina)

L-esperti jafu li din it-teorija ma tantx se tinżel tajjeb ma' min hu mdorri jaħseb li TRex kien it-terrur ta' l-era Kretaċja...

Jien ngħid għalija li kelli niltaqa' ma' wieħed, xorta m'inix ser nieqaf nistaqsih!!

*Mark Anthony Falzon jerġa' jkun magħna fil-ħarġa li jmiss*

## Kun berdwoċer!
Pariri siewja biex tgawdi l-għasafar



Biex wieħed jagħmel berdwoċing Malta m'hemmx għalfejn xi lbies partikolari. Ilbies kamuflax mhux neċessarju - anzi dat-tip ta' lbies aktarx ikun adattat għall-ġungli, u tispiċċa iktar tkun tispikka jekk tilbsu, ladarba Malta ġungli m'għandniex!

Min-naħa l-oħra m'għandniex nilbsu ħwejjeġ b'kuluri jgħajtu - ftakru li l-għasafar jaraw bil-kulur iktar minna!

Importanti wkoll li nilbsu komdu skond l-istaġun tas-sena.

Fis-sajf l-inqas problema: importanti beritta u nuċċali tax-xemx.

Fix-xitwa u fil-ħarifa (u spiss anke fir-rebbiegħa) mod ieħor. Dejjem ilbsu tajjeb, speċjalment filgħodu kmieni, qabel jidlam u meta jkun ir-riħ, u b'mod aktar speċjali jekk tmorru berdwoċing mal-baħar. L-aħjar protezzjoni kontra r-riħ u l-kesħa hu li tilbes diversi saffi ta' ħwejjeġ u mhux oġġett wieħed oħxon. Importanti ukoll li tilbsu xi barnuża jew beritta. Evitaw ilbies li jħaxwex - il-kwiet importanti fil-berdwoċing.

Tajjeb li tilbsu żarbun woterpruf għax ħafna drabi l-ħaxix ikun imxarrab (u mhux biss meta tkun għamlet ix-xita) u jekk ixxarrbu saqajkom tiksħu xorta waħda, anke jekk tkunu libsin tunnellata ħwejjeġ. U berdwoċing waqt li tterter bil-bard ma fih gost ta' xejn!

Tajjeb ukoll jekk iż-żarbun ikollu qiegħ ftit oħxon biex ma tweġġgħux jekk timxu fuq il-ġebel; u li jkollu r-raded (grooves) biex ma tiżolqux fuq l-imħarbat - ftakru li l-berdwoċers ma tantx iżommu mat-toroq bit-tarmak!

***Michael Sammut***

# GALLERIJA






**Rundun**
Keith Vassallo 12



**Qattus***
Ronald Sultana
(*Tip ta' kokka)



**Sturnell**
Karen Aquilina 11



**Farfett**
Amanda Cassar 10



**Malvizzun prim**
Gianluca Pollacco 6



**Russett**
Karl Vella



**Ġemel**
Abel John Cassar 9



**Ċikonja**
Amanda Azzopardi 12



Miz-zokk mibrum u mħaffer nindunaw kemm din hija siġra mgħobbija biż-żmien. Għandha mijiet ta' snin, u xorta tħaddar u tagħmel il-frott!

SPOT NATURA

# Iż-Żebbuġa

Ftit tas-snin ilu xi ħadd ipprova jerġa' jqajjem il-kultivazzjoni tas-siġar taż-żebbuġ għaż-żejt u l-frott. L-idea ntgħoġbot u f'dawn l-aħħar tliet snin f'pajjiżna tħawlu eluf ta' siġar taż-żebbuġ. Mhix idea ħażina tafux, għax is-siġra taż-żebbuġ hi siġra tipika tal-Mediterran u jixraq li f'Malta tkun iktar komuni. S'issa fis-selvaġġ għadha pjuttost skarsa.

Jidher però li fl-antik l-industrija taż-żebbuġ f'Malta kienet imqabbda sew, kemm għax instabu diversi mgħasar taż-żebbuġ antikissmi, kif ukoll mill-ismijiet ta' rħula bħal Birżebbuġa, Ħaż-Żebbuġ, iż-Żejtun u ż-Żebbuġ (Għawdex)

Is-siġra taż-żebbuġ tħaddar is-sena kollha u tiflaħ sew għan-nixfa tas-sajf. Għandha weraq iebes biex ma titlifx ilma minnu. Bħal dan iż-żmien tas-sena toħroġ ħafna bukketti ta' fjuri żgħar bojod. Minnhom jiżviluppa l-frott, li hu ż-żebbuġ li żgur kulħadd jaf kif ikun. Din is-siġra tgħix mijiet ta' snin u z-zokk, aktar ma jgħaddi ż-żmien fuqu, aktar jeħxien, jinbaram u jitħaffer.

Jeżistu diversi varjetajiet ta' siġar taż-żebbuġ. Waħda minnhom, li tagħmel frott kbir u tajjeb għall-għasir, tissejjaħ żajtun. Is-siġra selvaġġa għandha weraq żgħir u l-frieghi ikunu xewwikin. Il-frott ukoll ikun żgħir ħafna u jkollu togħma morra.

L-imsaġar taż-żebbuġ tassew ikun fihom x'tara. Fir-rebbiegħa l-art ta' taħthom timtela b' varjetà sħiħa ta' fjuri slavaġ. U fix-xitwa l-frott tagħhom jiġbed lejh ħafna speċi ta' għasafar. L-isturnell żgur li ssibu minn ta' quddiem għax għas-siġar taż-żebbuġ jinġibed bħal kalamita. Bis-saħħa tiegħu min jaf kemm jinbtu siġar ġodda għax wara li jiekol il-frotta huwa jarmi l-għadma (iż-żerriegħa). Jekk din taqa' f'art tajba, għandha mnejn tiżviluppa f'siġra oħra.

***Jason Aloisio***

# Kompetizzjoni 49

*Norman (Froggy) Chetcuti*

## Pranzu għaż-żrinġijiet!



Żewġ żrinġijiet imġewħin! Għinuhom isibu l-ikel li għandhom madwarhom. Tridu ssibu:

- **8 friefet**
- **2 mazzarelli (ħelikopters!)**
- **1 xagħat**
- **1 ħanfusa ta' l-ilma**

Ħudu fotokopja ta' l-istampa, immarkaw l-affarijiet u ibagħtuhielna (indirizz paġna 2). Jew inkella immarkawhom dritt fuq il-magażin, skenjaw l-istampa u ibagħtuhielna jpeg bl-email (paġna 2). Tqasqsux il-magażin għax titilfu!

Ċans għandkom sa **20 Mejju 2002.** Min jirbaħ jingħata sett kartolini ta' l-għasafar.

### Kompetizzjoni 48

Ir-rebbieħa ta' Kompetizzjoni 48 hija **Christine Galea** mill-Mosta. Christine se tirċievi bil-posta l-kartolini li rebħet. Prosit Christine!

# SITTSAQAJN

Matthew Borg Cardona



## Il-pulċinell

Il-**pulċinell** (common froghopper *Philaenus spumarius*)huwa insett żgħir ħafna li jifforma parti mill-grupp ta' insetti li jismu Homoptera, li jinkludi fih il-werżieq ta' bi nhar.

Il-pulċinell ma jikbirx iktar minn 5mm. Ġeneralment ikun kannella jew aħdar. Dan l-insett jiekol biss is-sugu tal-pjanti permezz ta' ħalq apposta li jkun għamla ta' pajp irqiq, qisu labra ta' siringa. Dawn l-insetti jaqbżu distanzi twal.

In-nisa jbidu l-bajd ġoz-zkuk tal-pjanti u ġieli jipproteġuhom b'materjal qisu sapun. Meta ż-żgħar ifaqqsu u joħorġu miz-zokk jibnu qisha massa ragħwa, li bl-Ingliż jgħidulha *cuckoo spit*. Din ir-ragħwa jagħmluha minn ftit ilma - l-insett jonfoħ l-arja fl-ilma minn tubu fuq il-warrani ta' ġismu sa ma l-ilma jsir qisu *foam*. Biex din ir-ragħwa ddum ħafna, l-insett iżidilha sustanzi apposta - din l-operazzjoni ddum xi nofs siegħa! Meta titlesta ż-żgħar jidħlu jgħixu fiha - din il-moħba tipproteġihom mix-xemx qawwija u anke mill-predaturi. Fil-fatt xi predaturi żgħar jinqabdu f'din il-massa bżieżaq irqaq u jibqgħu mwaħħlin magħha sa ma jmutu. Imma hawn għasafar li tgħallmu kif joħorġu l-frieħ tal-pulċinell minn ġol-moħba tagħhom u jikluhom.

Iż-żgħar tal-pulċinell jibqgħu f'din id-'dar' sa ma jsiru adulti, jiġifieri minn 30 sa 100 ġurnata. Iż-żmien li jieħdu jiddependi mit-temperatura.



**Il-frieħ jibnu massa ragħwa billi jonfħu bżieżaq ta' l-arja fl-ilma.**

**Dawn huma bħalissa l-ewwel 10 fit-tellieqa għall-Ħuttafa tas-Sena 2002:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Jürgen Pavanello | 88 | Ryan Cauchi | 42 |
| Linsey Żammit | 58 | Emanuel Falzon | 41 |
| Cliff Sacco Decelis | 55 | Andy Attard | 35 |
| Mandy Żammit | 48 | René Dalli | 35 |
| Juan Ellul Pirotta | 45 | Timothy Falzon | 35 |

Il-Ħuttafa tas-Sena hija speċi ta' tellieqa li ddum sejra sena, fejn fiha l-membri jtellgħu punti skond kemm ikunu attivi fil-Klabb.



**Fl-Alpi hemm jgħixu mas-700 lupu! Xi rgħajja ma tantx huma kuntenti għax kultant l-ilpup joqtlulhom xi nagħġa. Imma t-tort tal-bniedem stess li qered u għadu jeqred ħafna mill-priża naturali tal-lupu...**



## Attività

# Sejrin

**Ġejjin magħna, jew? Dejjem jekk ir-riħ u l-baħar iħalluna, ħa mmorru sa Kemmuna, il-gżira tal-furbani. Furbani ma naħsibx li baqa', imma għasafar u natura naraw, għax Kemmuna santwarju tan-natura.**

**Peress li l-lanċa ttella' numru limitat, se nagħmlu żewġ ħarġiet...**



# Ħbieb Falkuni!

Ftit taż-żmien ilu erġajna ltqajna aħna tal-kumitat tal-Falko. Fl-aħħar laqgħa li kellna kull wieħed minna ħa kariga speċjali: min jieħu ħsieb jorganizza l-attivitajiet, min jikteb il-minuti (noti) tal-laqgħat, min jikteb għall-Ħuttafa u min xogħlu ser ikun li jiġi l-attivitajiet u jkun leader.

Hemm ukoll min se jkun qed jibni **webpejġ** - IVA, se nibnu paġna bir-ritratti ta' l-attivitajiet tagħna għal ġol-websajt tal-BirdLife. Insomma għaddejjin naħdmu sod għalikom - jonqos biss li jkun hemm dejjem aktar u aktar minnkom li jattendu :-)

Fix-xaharejn li ġejjin m'hemmx daqshekk attivitajiet, u r-raġuni tifhmuha daqsi jekk mhux aktar minni: l-imberkin eżamijiet. Studjaw għax importanti ħalli tmorru tajjeb, imbagħad ejjew l-attivitajiet tas-sajf.

Għal das-sajf qed nippreparawlkom ħafna attivitajiet għall-gosti ta' kulħadd. Ser nibdew bil-kbir. **Kamp**! Iva, jumejn sħaħ fuq Kemmuna... ngħumu u nixxemmxu...

Narakom!

Justin

**Justin Vassallo**
Ko-ordinatur FALKO



# Kamp Kemmuna




Dal-kamp se jkun l-iktar biex nieħdu pjaċir flimkien, ngħumu, nixxemmxu u nirrilassaw wara l-eżamijiet.

Naturalment kif inkunu hemm insibu wkoll xi ħin biex ngħinu ftit fi **Proġett Wied l-Aħmar**. Wied l-Aħmar huwa l-wied prinċipali ta' Kemmuna, u parti minn dan il-wied qiegħda f'idejn il-BirdLife, li qed tipprova tagħmlu iktar interessanti għan-natura u għall-għasafar billi tħawwel aktar siġar indiġeni. Is-siġar iżidu l-kenn u l-ikel għall-għasafar. Aħna nkunu nistgħu ngħinu billi nirranġaw xi ħitan tas-sejjieħ u anke fit-tisqija tas-siġar.

**Data: 28 - 30 Ġunju 2002**
Ċemplu l-uffiċċju tal-BirdLife biex tibbukkjaw. Iktar dettalji lil min jibbukkja.

# Kemmuna



Dati: Ħarġa A - **28 April 2002**
Ħarġa B - **01 Mejju 2002**
Prezz: Żgħar - **Lm1.25**
Kbar - **Lm1.75**
Ħlas isir dakinhar stess tal-ħarġa
Età: **Etajiet kollha**
Ħin u post: **Aktar dettalji lil min jibbukkja**
• **Ibbukkjaw:** Ċemplu lill-BirdLife (tel 21347646 Tnejn-Ġimgħa 9am-1pm ). Ċans sa **26 April 2002**
• **Ġibu magħkom:** ikel, xorb, beritta, nowtbuk, lapes, basket tad-dahar u (jekk għandkom) tromba u gajd.
• **Iġġibux:** radjijiet, blalen eċċ - mhijiex xalata!

*Għeżież ġenituri,*
*Nixtiequ li għal dil-ħarġa biss ma jiġix aktar minn ġenitur wieħed minn kull familja. Dan nagħmluh biex inħallu aktar post għall-membri stess, peress li n-numru jkun limitat. Membri ta' taħt it-8 snin irid jiġi xi ħadd kbir (14+) magħhom. Grazzi ħafna!*

**Għall-bejgħ**
Kamera tar-ritratti **Canon AE1** SLR second hand. Magħha lenti **Canon 70-210mm** zoom. Kundizzjoni tajba.
Prezz b'kollox Lm80.
Ċemplu 21436335
jew 79436336






**Biodiversità tfisser il-varjetà kbira ta' ħajja li hawn fid-dinja, it-tipi differenti ta' ħlejjaq li jgħixu fuq din il-pjaneta, kemm dawk li nafu bihom u anke dawk li għadna lanqas nafu li jeżistu!**

## tliet tipi...

Hemm tliet tipi prinċipali ta' biodiversità:

**Diversità ġenetika**, jiġifieri l-varjetà fil-ġeni ereditarji bejn popolazzjonijiet differenti ta' organiżmi, u anke differenzi bejn membri ta' l-istess popolazzjoni.

**Diversità ta' speċi**, jiġifieri n-numru differenti ta' speċi f'ċertu post. Fid-dinja s'issa ġew studjati 1.7 miljun speċi ta' annimali u pjanti, imma jaħsbu li n-numru totali ta' speċi fid-dinja huwa eqreb it-12.5 miljun, u probabbli iktar!

**Diversità ta' l-ekosistemi** tirreferi għall-varjetà ta' ekosistemi li jeżistu fuq il-pjaneta: deżerti, foresti, steppi, ibħra, xtut, ġungli, xagħri, għadajjar, bwar, għerien, irdum, għaram eċċ

## importanti...

Għaliex hija importanti l-biodiversità? Għalina l-bnedmin, il-biodiversità hija s-sors kollu ta' l-ikel li nieklu, u anke ta' ħafna mediċini. Madankollu, xorta waħda ftit ħafna mill-biodiversità nużaw: per eżempju nofs l-ikel kollu li jittiekel fid-dinja huwa bbażat fuq tliet speċi ta' ħaxix: ir-ross, il-qamħ u l-qamħirrum! Din hija sitwazzjoni perikoluża immens, għax allaħares xi waħda minn dawn l-ispeċi timrad jew tinbidel, għax toqtol lid-dinja bil-ġuħ! Għalhekk ħafna huma l-istudji li qegħdin isiru biex jistudjaw speċi oħrajn għall-potenzjal sustanzjuż tagħhom. U fejn ifittex il-bniedem għal speċi ġodda? Qalb il-biodiversità! Ix-xjenzati għadhom ifittxu pjanta li minnha jistgħu jiżviluppaw mediċina kontra l-AIDS u l-kanċer. Min jaf din il-pjanta, jekk teżisti, inqerditx diġà taħt il-gafef li qed jiċċattjaw il-foresti tropikali!?

Hawn pajjiżi li jiddependu mill-biodiversità anke għall-ekonomija tagħhom, għax għandhom it-turiżmu ibbażat fuq in-natura. Pajjiżi bħall-Kenya u Tanzania jiġbdu lejhom miljuni ta' turisti, li jmorru biex iżuru l-parks famużi li għandhom dawn l-artijiet. Jagħmlu sew jibżgħu għall-biodiversità dawn il-pajjiżi!

## theddida...

Imma jidher li l-biodiversità hija mhedda serjament. Il-**kaċċa** u l-**kollezzjoni**, per eżempju, qed iwasslu għall-qerda ta' eluf ta' speċi ta' annimali u pjanti, minn balieni sa orkidi.

Theddida oħra kbira hija l-**qerda ta' l-ambjent**: tqaċċit u ħruq ta' foresti, bini ta' toroq u djar u fabriki, tniġġis tal-baħar, tnixxif ta' bwar, xmajjar u widien. Bit-tniġġis qegħdin ukoll insaħħnu t-temperatura ta' l-arja, u din qed tbiddel u tfaqqar ħafna mill-ambjenti differenti tad-dinja. Meta tonqos il-varjetà ta' ekosistemi, tonqos il-varjetà ta' l-ispeċi.

## f'idejna...

Jidher li t-tort huwa kważi kollu tagħna l-bnedmin. Aħna sirna kapaċi nbiddlu wiċċ id-dinja. Imma jekk irridu aħna wkoll kapaċi nwaqqfu din il-ħsara.

Kull speċi għandha d-dritt għall-ħajja ħielsa, b'saħħitha u dinjituża fl-ambjent naturali tagħha. Dan ma jgħoddx biss għal dawk l-ispeċi li jaqdu lilna, imma jgħodd għall-ispeċi kollha.

**Hemm bżonn li nagħmlu sforz ġenwin biex nibżgħu għall-varjetà ta' ħajja li hawn fuq il-pjaneta, qabel neqirdu lilha u lilna nfusna magħha.**

# Lm247!

**Daqshekk ġabru l-membri qalbenin li ġew għall-Mixja Maratona li għamilna f'Marzu.**

| | |
|---|---|
| Jürgen Pavanello | Lm21.60 |
| Linsey M Żammit | Lm15.00 |
| Ryan Cauchi | Lm12.75 |
| Mandy Żammit | Lm11.27 |
| Andy Attard | Lm10.00 |
| René Dalli | Lm10.00 |
| Juan Ellul Pirotta | Lm10.00 |
| Timothy Falzon | Lm10.00 |
| Emanuel Falzon | Lm08.57 |
| Christian Micallef | Lm06.27 |
| Miguel Camilleri | Lm06.16 |
| Josef Vincenti | Lm06.05 |
| Silvio Spiteri | Lm05.50 |
| Kristian Portelli | Lm05.21 |
| Daniela Marie Portelli | Lm05.05 |
| Celene Buttigieg | Lm05.00 |
| David Chircop | Lm05.00 |
| Amy Gerardi | Lm05.00 |
| Miklos Schembri | Lm05.00 |
| Anonimu!* | Lm04.30 |
| Bernice Schembri | Lm04.05 |
| Kurt Schembri | Lm04.05 |
| Ritianne Attard | Lm04.00 |
| Rebecca Baldacchino | Lm04.00 |
| Mark Anthony Bonello | Lm04.00 |
| Martha Chetcuti | Lm04.00 |
| Claudia Anne Chircop | Lm04.00 |
| Darren Dalli | Lm04.00 |
| Simon Gauci | Lm04.00 |
| Benjamin Pullicino | Lm04.00 |
| Jonathan Pullicino | Lm04.00 |
| Keith Vassallo | Lm04.00 |
| Anonimu!* | Lm03.20 |
| Sarah Chetcuti | Lm03.00 |
| Jason Ciantar | Lm02.15 |
| Sarah Agius | Lm02.00 |
| Nicholas Azzopardi | Lm02.00 |
| Rebecca Dalli | Lm02.00 |
| Luca Cacciattolo | Lm02.00 |
| Jean Pierre Galea Sabden | Lm02.00 |
| Daniel Mangion | Lm02.00 |
| Neville Micallef | Lm02.00 |
| Niall Relton | Lm02.00 |
| Rowan Relton | Lm02.00 |
| Stefania Ciantar Muscat | Lm01.80 |
| Ismael Aquilina | Lm01.10 |
| Kurt Scicluna | Lm01.00 |
| Anonimu!* | Lm01.00 |
| **total** | **Lm247.08** |

**Bis-somma sabiħa li ġbartu diġà hemm flus biżżejjed biex nixtru teleskopju għar-riserva tas-Simar! Grazzi lil kulħadd!**

*Karta bla isem!



biex nicċaqal!

Grazzi wkoll lill-ħbieb tagħna Felix Gerardi, Janet Gerardi, Ian Mifsud u Victoria Depasquale talli saqu magħna bil-karozzi tagħhom tul il-mixja kollha u għenuna f'kull ma ġejna bżonn.

## Daħħal membru ġdid fi Klabb Ħuttaf u tieħu

- Tliet pitazzi
- stiker bil-kulur
- 8 punti fil-Ħuttafa tas-Sena



Ħajjar ħbieb, aħwa u kuġini jidħlu fi Klabb Ħuttaf, agħtihom kopja ta' dil-formola biex jimlewha, ilma isfel nett id-dettalji tiegħek stess, u ibgħat kollox lil BirdLife Malta, flimkien mal-Lm2 tal-membru l-ġdid.

8

**Dettalji tal-membru l-ġdid**

Isem ______________________

Indirizz ______________________

______________________ postcode ______

Data tat-twelid ______________ Telefon ______________

**Dettalji tiegħek stess**

Isem ______________________

Indirizz ______________________

______________________ postcode ______

Membership number ______________ Telefon ______________

Ibgħat kollox lil BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
Tibgħatx flus bil-posta - ibgħat ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew 34 bolla tas-6ċ

**Tqattax il-magażin - ħu fotokopja!**



BirdLife Malta

40 years for birds

# Is-Salina

Fil-bajja tas-Salina littah Wied il-Ghasel, wiehed mill-ikbar widien ta' Malta. Kif imghoddi din il-bajja u l-buhajra ta' Burmarrad kienu genna ta' l-art ghall-ghasafar tal-berah u tax-xtut, ghax hija art baxxa u umda, u ghalhekk perfetta ghal hafna ghasafar. U kienet ukoll xi darba post imwarrab mill-bniedem. Imma mhux illum...

In-nies ilhom mijiet tas-snin ibaghbsu f'dawn l-inhawi. Fis-Seklu 16 inbnew is-salini, li zdiedet il-biedja u zdied il-bexx bil-veleni kollha li fih, infethu l-barrieri, sar hafna [illegible], intefa' hafna skart, tela' hafna bini u zdiedu t-toroq u l-istorbju u dwal bil-lejl. Il-bajja tas-Salina llum hija fatat ta' dak li darba kienet.

Hemm xi cans li nsalvaw is-Salina? Il-berdwocers jghidulna li l-ghasafar dan il-post ghadhom ma abbandunawhx ghal kollox. Bi ftit hsieb u hafna xoghol, xi darba ghad forsi nkunu nistghu nerġghu naghtu ftit mis-Salina lura lin-natura.

Kif ghamilna l-Ghadira. Kif ghamilna s-Simar.